it-Triq
ma' KRISTU
l-ieħ possibbli

DIĊEMBRU 2018 - Nru. 467

Karmelina bdiet iddur b'ġenn sħiħ mad-dar kollha, qisha l-mitlufa. X'ħin lemħitha bintha Marisa, dlonk marret twaqqafha u staqsietha xi ġralha. Karmelina, kollha inkwetata weġbitha li kienet qiegħda tfittex il-muftieħ tal-kamra ta' fuq il-bejt. Bintha, bil-kalma kollha ħarġet il-muftieħ mill-but u newlitulha waqt li qaltilha: 'Għaliex qgħadt tfittex kullimkien meta taf li dal-muftieħ nieħu ħsiebu jien?'

Din Karmelina għamlet eżatt bħal min ikollu xi għawġ li jixtieq jistrieħ minnu u jibda jfittex kullimkien, jipprova jinqeda b'kulma jara quddiemu, meta dan ikun kollu taħbit għalxejn għaliex il-muftieħ ta' kollox ikun ħdejh u miegħu l-ħin kollu.

Min hu li jista' u jrid jeħlisna minn kull għawġ jekk mhux il-Mulej Alla? Hu jista' kollox, u tant iħobbna! Iridna nfittxuh biex jagħtina kulma neħtieġu. Hu lest li jerfagħna mill-waqgħat tagħna. B'danakollu min jaf kemm naħlu żmien infittxu l-mistrieħ tagħna fejn qatt ma nsibuh, u ma nfittxux lil Alla!

Dan ma jfissirx li għandna nibqgħu passivi u nistennew il-bajtra taqa' f'ħalqna. Hu dmir tagħna li nagħmlu ħilitna biex insolvu l-problemi li jinqalgħulna, però rridu nifhmuha darba għal dejjem li fuq kollox u qabel kollox, l-akbar għajnuna ħadd daqs il-Mulej Alla ma jista' jagħtihielna, u għalhekk f'kull għawġ għandna nfittxuh u nittamaw fih.



Kif morna dis-sena?

Editorjal

Ħbieb,

Qed ngħixu l-aħħar mumenti tas-sena 2018. Nistgħu nużaw dan iż-żmien bħala żmien ta' riflessjoni. Naraw kif morna matul din is-sena, mhux biss mil-lat ta' xogħol, finanzi, politika, u mitt ħaġ'oħra li jiġuna f'moħħna ... imma fuq kollox kif morna fil-maturità tal-fidi tagħna, fl-imħabba vera, fl-għotja tagħna lejn l-oħrajn. Mela nistaqsi lili nnifsi: kemm irnexxieli nimmatura fil-valuri li jiena, kemm bħala bniedem kif ukoll bħala nisrani, ġejt imsejjaħ biex ngħix? Mort lura jew 'il quddiem?

Tajjeb ukoll li f'dawn il-mumenti nagħmlu proponimenti għas-sena l-ġdida bil-għan li din tkun aħjar minn din li se ntemmu. Però ma' dawn il-proponimenti jrid ikun hemm ir-rieda soda min-naħa tagħna sabiex nirnexxu fihom.

Diċembru hu wkoll ix-xahar tal-Avvent - żmien ta' thejjija għall-festi qaddisa tal-Milied. L-Avvent qiegħed isejħilna biex inkunu umli f'qalbna bħal Marija, Ġużeppi, Ġwanni l-Battista, ir-rgħajja u l-foqra l-oħra tal-Vanġelu. Dan l-ispirtu ta' umiltà għandu jgħinna naħsbu bis-serjetà fil-ħajja tagħna preżenti, bil-għan li meta l-Mulej isejħilna, jsibna ppreparati biex niltaqgħu miegħu.

Attenti ħbieb. Ma nħallux il-ħajja mgħaġġla u sfrenata ta' dan iż-żmien tal-festi jtellifna milli nikkonċentraw fuq Ġesù tarbija ... Ġesù li sar bniedem bħali u bħalek, għax iħobbna u jrid isalvana!

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-Ħaddiema

Nru. 467
Diċembru 2018

mimlija bil-grazzja



'Fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabriel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: 'Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.' Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: 'Tibżax Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmieh Ġesù.' (Luqa 1, 26-31)

Fit-8 ta' dan ix-xahar, il-Knisja tiċċelebra l-festa tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija, magħrufa bħala l-Kunċizzjoni. Din il-festa tfakkarna kif il-Mulej ħeles lil Marija minn kull dnub sa mill-waqt tat-tnissil tagħha, sabiex b'hekk kien tassew jixirqilha l-isem li taha Alla nnifsu permezz tal-anġlu tiegħu: mimlija bil-grazzja'.

U dan kollu sar sabiex hija setgħet tkun omm Alla! Kemm hi għażiża din l-omm għalina! Aħna u nersqu lejn il-festa tal-Milied, din il-festa tal-Immakulata, diġa' ddaħħalna fil-ferħ tat-twelid tal-Iben ta' Alla minn Marija.

Din hija l-istess omm li minn fuq is-salib Ġesù tahielna bħala omm tagħna lkoll. Mela ejjew nitolbuha sabiex tgħinna nżommu 'l bogħod minn dak kollu li jifridna mill-imħabba ta' binha Ġesù, li bl-'iva' tagħha sar bniedem bħalna sabiex jifdina.

'Qaddisa Marija omm Alla, itlob għalina midinbin.'

It is Christmas in the heart that puts Christmas in the air.
W.T. Ellis

Il-Milied kulħadd ikun jistennieh b'ħerqa kbira. Hi festa li għaliha kbar u żgħar iħejju ruħhom għaliha. Ikun għadu lanqas spiċċa Novembru li nibdew naraw mad-djar tagħna ħafna dwal sbieħ, siġar tal-Milied, kwiekeb, anġli ... It-toroq tal-Belt Valletta u lokalitajiet oħra jingħaqdu ma' toroq prinċipali oħra ta' bliet Ewropej f'dak li hu tiżjin u lwien. Il-Milied hija festa ta' ferħ.

Ir-rigali madwar is-siġra tal-Milied huma wieħed mill-mezzi biex inferrħu lill-oħrajn biex flimkien niċċelebraw il-Milied. Imma jiġri li ħafna drabi ninsew nagħtu rigal lil min tassew għandu l-*birthday*. Hu Ġesù tarbija li għalih qed niċċelebraw dawn il-festi kollha.

Mela ejja ħalli nagħtuh rigal lil Ġesù. Imma x'ser nagħtuh? X'nistgħu nagħmlu din is-sena biex il-Milied 2018 jibqa' mfakkar f'qalbna? Għax ngħiduha kif inhi: kemm se ndumu naljenaw ruħna fid-divertiment tal-Milied u l-*parties*, u nħallu dawn il-festi jgħaddu bla ma noqorbu lejn Ġesù spiritwalment? U lil dawk ta' madwarna, meta se ndawru ħarsitna lejhom biex ngħinuhom u nferrħuhom?

Veru li fil-Milied kulħadd ikun jidher ferħan, imma min jaf xi jkun hemm moħbi fil-qalb u fil-moħħ ta' kull individwu? Forsi hemm minnhom li qed jistennew lilna biex nisimgħuhom u hekk ineħħu ftit il-piż minn qalbhom. U dan ikun ta' għajnuna għalihom.

Mela ejja ninsew ftit lilna nfusna, u ngħinu milli nistgħu lil ħaddieħor. Dan hu mod effettiv kif ngħaddu Milied ħieni u nagħtu pjaċir lil Ġesù għax wara kollox hu jrid jarana ngħixu fil-paċi!

Se nagħtukom ftit idejat ta' rigali li ma jiswewx flus, imma li huma prezzjużi aktar mid-deheb fin. Terġa' u tgħid dawn jiffrankawlna ħafna ħin mix-shopping, il-but tagħna ma jitbattalx u qalbna tfur bil-ferħ!

Dawn huma r-rigali:

għall-ġenituri ... RISPETT U GRATITUDNI

għal żewġek / martek ... IMĦABBA U FEDELTÀ

għal uliedek ... ĦIN

għat-tfal ċkejknin ... EŻEMPJU TAJJEB

għal ħabibek ... LEATÀ

għall-għadu tiegħek...MAĦFRA

għal min jimpjegak...SERVIZZ

għall-fqir u l-batut...ĠUSTIZZJA

għall-marid...PREŻENZA

għall-barrani...OSPITALITÀ

għal kull persuna...DINJITÀ

għal Ġesù Bambin...KOLLOX

Min jaf kieku f'dan il-Milied nagħtu ftit minn dawn ir-rigali?

Christmas isn't a season, it's a feeling.

Edna Ferber

It-tifla u l-Bambin

Caroline għad għandha ftit snin. Marta, ommha, kienet qed tipprepara l-presepju li kellhom ħalli jitgawda mil-familja kollha. Lestiet il-pasturi kollha, inklużi l-Madonna u San Ġużepp, ħarġet in-ngħaġ u l-anġli u poġġiet fil-għar il-ħmara u l-baqra. Caroline kienet hemm, maġenb ommha tosserva kull pastur li ommha bdiet tpoġġi fil-presepju. Meta waslet biex tpoġġi l-Bambin Ġesù fil-maxtura, Caroline talbitha biex iżżomm lil Ġesù f'idejha ħalli tarah sew.

Kien filgħaxija, u Caroline kienet lesta biex tmur torqod. Fil-fatt hi kellha f'idejha ċ-ċarruta li kienet tħobb titgħannaq magħha meta tiġi biex torqod, bħalma hawn tfal oħra li jgħannqu xi pupa jew *teddy bear*. Marta tatha l-Bambin waqt li bdiet tirrakkonta lil bintha kif il-Bambin twieled fil-bard u ma kellux ħlief ftit ċraret imdawrin miegħu. Sadattant Caroline baqgħet skantata tħares bil-ħlewwa lejn ix-xbieha ċkejkna tal-Bambin Ġesù f'idejha.

F'mument minnhom, bla ma lissnet kelma, Caroline poġġiet il-biċċa ċarruta li kellha f'idha fuq il-Bambin Ġesù. Imqanqla minn dak il-ġest ħelu ta' bintha, ommha ħarġulha żewġ demgħat minn għajnejha, hekk kif bdiet tgħannaq lil bintha.

Għandna x'nitgħallmu minn dan il-ġest żgħir u innoċenti ta' ġenerożità ta' din it-tifla żgħira. Mhux li l-Mulej jeħtieġ xi ħaġa minn għandna; il-Mulej ma għandu bżonn ta' xejn imma jixtieq il-qalb tagħna, l-imħabba tagħna, il-qima tagħna, is-servizz imħeġġeġ tagħna. Dan hu jistennieh skont dak li aħna, fl-età u l-kundizzjoni li ninsabu fiha. U dan mhu xejn għajr il-veru spirtu tal-Milied nisrani.



tarbija fil-bard

Żmien il-Milied. Ġesù jkellimni...

“Grazzi ħafna ruħ twajba talli ġejt ħdejja. Forsi ma tantx kellek aptit, għax il-ħajja tieħdok mal-erbat irjieħ u tħallik bla nifs. Imma inti rnexxielek tħalli kollox warajk u ġejt tqatta’ ftit ħin ħdejja biex tadurani u tirringrazzjani ta’ kulma nagħmel miegħek.

F’dawn il-ġranet tal-Milied nifraħ aktar meta xi ħadd iżurni fl-Ewkaristija. Jien għażilt minn jeddi li nitlef il-libertà tiegħi biex tajtha lilek ħalli jkollok l-għażla tiġix ħdejja jew le.

Ħeġġiġhom lill-oħrajn ukoll biex jiġu ħdejja, imqar għal ftit minuti biss. Meta nkun waħdi, hawn fl-Ewkaristija, niftakar fil-bard li ħassejt meta twelidt f’dak il-għar kiesaħ. Għalhekk, meta jiġi ħdejja xi ħadd, donnu nħoss is-sħana li tant tferraħ qalbi. Hawnhekk jien għeri minn kollox, inżajt il-kobor, il-qawwa, is-sbuħija u l-maestà kollha tiegħi, biex niċċekken għalik u għall-oħrajn. Iva, fl-Ewkaristija jien qisni tarbija debboli, nieqsa minn kollox.
Ara kemm iċċekkint għalik:

Tista’ tħobbni jew iżżeblaħni ...
Tista’ tgħannaqni miegħek jew tabbandunani ...
Tista’ taċċettani jew inkella tħallini fil-ksieħ u l-bard ... fil-bard tal-bruda u l-indifferenza, li hu tant kiefer u tant iweġġa’.

Inti sa ddaħħalni f’ħajtek u f’qalbek?
Jew sa tħallini fil-bard?”

Mill-ktieb ta’ talb “Xewqat Qalbi”

Niżżel fid-djarju tiegħek

Is-Sibt, 1 ta' Diċembru 2018 - ***L-Ewwel Sibt tax-Xahar***
Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, u ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

Il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru 2018 - ***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar:***
Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u naraw li nkunu ppreparati f'ruħna sabiex nitqarbnu;

Is-Sibt, 8 ta' Diċembru 2018 - ***Il-Kunċizzjoni Immakulata tal-Madonna***
Nersqu lejn il-Verġni Marija f'dan il-jum għażiż bis-smigħ tal-Quddies, u bir-Rużarju;

It-Tlieta 25 ta' Diċembru 2018 - ***Il-Milied Imqaddes***
Nifirħu u niftħu qlubna biex fihom nilqgħu lil Ġesù tarbija, għax Hu biss għandu jkun iċ-ċentru tal-festi kollha li jsiru f'dan iż-żmien;

Il-Ħadd 30 ta' Diċembru 2018 - ***Festa tas-Sagra Familja***
Nitolbu l-Mulej isaħħaħ il-familji tagħna. Ngħiduha din it-talba, speċjalment f'dan il-jum: 'Ġesù, Marija u Ġużeppi ħarsu u qaddsu l-familji Maltin u Għawdxin';

It-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2018 - ***L-aħħar Jum tas-Sena***
Nirringrazzjaw lill-Mulej ta' dak kollu li huwa għamel magħna matul din is-sena: 'Grazzi Sinjur Alla, u aħfrilna Sinjur Alla.'

Id-Direzzjoni tal-fuljett It-Triq tixtieq twassal lilkom u lil qrabatkom l-isbaħ xewqat għal Milied qaddis mimli mħabba u paċi ta' Ġesù Bambin.

Dan ix-xahar jaħbat l-34 anniversarju mill-mewt ta' omm ħabib tagħna li ġentilment offra l-ispejjeż ta' din il-ħarġa tal-fuljett. Nixtiqukom tingħaqdu magħna fit-talb għal ruħha. Grazzi.

Id-Direzzjoni

Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org